MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 314/2009

**A B C**
**vs**
**L-Avukat Dottor Patrick Valentino, sussegwentement sostitwit bl-Avukat Dottor Anthony Cutajar, u l-Prokuratrici Legali Veronica Rossignaud nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil assenti**
**D E C F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewgu fit-8 ta' Mejju 2008, u minn dan iz-zwieg twieled tifel wiehed bl-isem Zander Michael fil-15 ta' Marzu 2008; li l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba abbandun u adulterju da parti tal-konvenuta martu; li l-attur huwa debitament awtorizzat biex jaghmel din il-kawza; ghaldaqstant l-attur qed jitlob li din il-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni

personali bejn il-partijiet, bi htija tal-konvenuta; [2] tafda l-kura u kustodja tat-tifel minuri f' idejn l-attur; [3] tikkundanna lill-intimata thallas lill-attur manteniment ghat-tifel; [4] tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u li din tigi likwidata u assenjata bejn il-partijiet; [5] tordna li l-konvenuta tirritorna l-assi parafernali ta' l-attur; [6] tapplika fil-konfront tal-konvenut l-artikolu 48 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuta;

Rat li fl-udjenza tas-16 ta' Gunju 2010 l-attur irtira t-tieni parti ta' l-ewwel talba, u t-talbiet numri tlieta [3], erba' [4] u sitta [6]; u dan stante ftehim raggjunt minnhom, fuq diversi aspetti tal-kawza, liema ftehim huwa datat 13 ta' April 2010, u li kopja tieghu qeda tigi Essa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi l-partijiet izzewgu fit-8 ta' Mejju 2008, u f dan iz-zwieg ghandhom tifel bl-isem Zander Michael li twieled fil-15 ta' Marzu 2008.

Illi, peress li l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli huwa talab li tigi pronunzjata minn din il-Qorti s-separazzjoni personali, u sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Illi fil-mori tal-kawza, il-partijiet waslu ghal-ftehim; u permezz ta' skrittura privata datata 13 ta' April 2010 huma ffirmaw ftehim fuq diversi aspetti meritu tal-kawza odjerna; u ghalhekk talbu li dak pattwit minnhom jigi nkorporat fil-gudizzju odjern.

Illi dan il-ftehim huwa Ess mal-gudizzju odjern, u jifforma parti ntegrali minnu.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba limitatament billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;
[2] tilqa’ t-tieni talba fit-termini tal-ftehim Ess;
[3] tilqa’ il-hames talba fit-termini tal-ftehim Ess;
[4] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet numri [3],[4] u [6] stante li gew irtirati.

L-ispejjez kollha jibqghu a kariku ta’ l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------